A.L. 78 ta' l-1987

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1987 dwar id-Drittijiet (Permessi għall-Bini)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 dwar id-Drittijiet (Permessi għall-Bini).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1988.

Drittijiet għall-ħruġ ta' permessi tal-bini.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, id-drittijiet speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu lill-*Planning Area Permits Board* relattivament għas-servizzi hemmhekk imsemmija.

Eżenzjoni.

3. Ebda drittijiet addizzjonali speċifikati fil-partita 3 ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti ma għandhom jitħallsu għal:

(a) bini ta' użu reliġjuż, kulturali jew filantropiku bħal ma huma knejjes, kunventi, *clubs* politiċi, soċjali u sportivi, u skejjel, u bini tal-Gvern iżda mhux parastatali;

(b) arei msaqqfa bi strutturi temporanji u gallarijiet;

(ċ) kmamar fuq il-bejt sakemm dawn ma jkunux intiżi għall-abitazzjoni;

(d) trombi tat-taraġ u spazji ta' liftijiet 'il fuq mill-aħħar sular;

(e) bċejjeċ ta' art ta' l-Iskema tal-*Home Ownership* u Arei għall-Iżvilupp tal-Bini allokati qabel il-31 ta' Diċembru, 1987;

(f) kantini mhux għall-abitazzjoni taħt *Djar* jew *Vilel;* u

(g) bini intiż għall-użu agrikolu bħal kmamar għall-għodod u irziezet proprjetà ta' bdiewa reġistrati *full-time.*

Kunsiderazzjonijiet ġenerali.

4. Fl-istima għall-ammont ta' ħlas dovut jittieħdu dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali:

(a) Fil-kejl ta' bini msaqqaf dan jitqies fuq l-area li tkun okkupata inkluża il-ħxuna ta' ħitan diviżorji u ħitan fuq barra, u nofs il-ħxuna ta' ħitan ta' appoġġ. Minn dan il-kejl tiġi mnaqqsa l-area okkupata minn btieħi.

(b) Verandi jiġu magħduda bħal arei msaqqfa.

(ċ) Trombi tat-taraġ, liftijiet u spazji oħra komuni jgħoddu bħala bini msaqqaf għal kull sular.

(d) Dwar kull bini li jaqdi funzjonijiet diversi irid jitħallas id-dritt għal kull parti minn dak il-bini skond kif speċifikat fl-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti .

Applikazzjonijiet għal tiġdid.

5. Applikazzjoni għal tiġdid ta' permess, wara li jkun skada u li għalih ma jkunux tħallsu d-drittijiet skond dawn ir-regolamenti, għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida jekk ix-xogħol ma jkunx mibdi.

Pagamenti.

6. (1) Il-ħlas tad-drittijiet addizzjonali speċifikati fil-partita 3 ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti għandu jgħodd għall-applikazzjonijiet sottomessi wara il-25 ta' Novembru, 1987, iżda id-dritt tal-ħlas mal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni speċifikati fil-partiti 1 u 2 ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti ma jitħallasx għal dawk l-applikazzjonijiet sottomessi qabel il-31 ta' Diċembru, 1987.

(2) Il-ħlas tad-dritt mal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għandu jiġi indikat permezz ta' bolla tal-posta tal-ammont relattiv li tiġi mwaħħla fuq l-applikazzjoni. Il-bolla għandha tkun imħassra effettivament mill-applikant b'mod illi ma tkunx tista' tiġi użata għal xi applikazzjoni jew skop ieħor. Il-ħlasijiet l-oħrajn kollha jsiru fil-'Cash Office' tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, f'Blokk 'A' f'Beltissebħ jew Victoria, Għawdex fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofs in-nhar. Titħalla riċevuta għal kull ħlas li jsir.

Ħlas lura.

7. Ma jista' jsir l-ebda ħlas lura ta' drittijiet imħallsa taħt dawn ir-regolamenti ħlief id-drittijiet addizzjonali speċifikati fil-partita 3 ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti fejn jiġi rtirat permess.

Trasferiment ta' permess.

8. Applikazzjoni għal trasferiment ta' permess titqies applikazzjoni ġdida, iżda ma jerġgħux jitħallsu id-drittijiet addizzjonali.

Tħassir.

9. Il-partiti "Applikazzjoni għal permess tal-bini u tal-linja" u "Applikazzjoni għal tiġdid ta' permess tal-bini" taħt ir-ras "Formula" li tikkorrispondi għall-partita "Xogħlijiet" taħt ir-ras "Dipartiment" fl-Iskeda intitolata "Formuli li fuqhom titħallas Taxxa ta' 10c", li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Taxxa fuq Formuli ta' Applikazzjoni, huma b'dan imħassrin.

A.L. 7 ta' l-1986.

SKEDA

(Regolament 2)

Ħlas ta' drittijiet fuq Permessi tal-"Planning Area Permits Board"

		Lm c m
1.	Mal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni għal permess tal-P.A.P.B. jitħallas dritt ta'	5.00,0
2.	Applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess jew preżentazzjoni ta' pjanti ġodda, mal-ħruġ tal-permess ġdid jitħallas dritt ta'	5.00,0
3.	Mal-ħruġ tal-permess jitħallas dritt addizzjonali skond ix-xogħol involut kif jidher hawn taħt:—	
	Xogħol ta' Tibdil:	
A.	(i) F'xogħol ta' tibdil fejn m'hemmx arei ġodda li qegħdin jiġu msaqqfa, ħlief fejn ix-xogħol hu ta' bini ta' kmamar fuq il-bejt sakemm dawn ma jkunux intiżi għall-abitazzjoni	5.00,0
	(ii) F'xogħol ta' tibdil fejn ukoll hemm arei ġodda li qegħdin jiġu msaqqfa jitħallas id-dritt ta'	5.00,0
	kif ukoll id-dritt għal xogħlijiet ġodda taħt B, Ċ, D u E ta' din l-Iskeda.	
	Xogħlijiet Ġodda:	
B.	*Djar*	
	Djar li jmissu ma' xulxin: Dawn jinkludu djar li għandhom aċċess dirett mit-triq bħal *terraced houses* u *maisonettes* kif ukoll garaxxijiet għal karozzi privati.	
	(i) Għal mhux iżjed minn 200 metru kwadru ta' bini msaqqaf .	25.00,0
	Għal kull metru kwadru in eċċess ta' 200 metru kwadru ta' bini msaqqaf f'kull sular	0.50,0
	(ii) Fil-każ ta' bini msaqqaf b'żieda ma' bini eżistenti, sa l-ewwel 200 metru kwadru ta' area totali tal-bini kif imkabbar inkluż l-area tal-bini eżistenti. Għal kull metru kwadru ta' żieda ta' bini msaqqaf	0.12,5
	Għal kull metru kwadru in eċċess ta' 200 metru kwadru b'żieda ma' bini eżistenti	0.50,0
Ċ.	*Vilel*	
	Dawn jinkludu kull bini ta' vilel *detached* jew *semi-detached* ukoll jekk dawn jinbnew f'arei intiżi għal bini ieħor.	
	Għal kull metru kwadru ta' bini msaqqaf f'kull sular	2.00,0
D.	*Flats*	
	Kull metru kwadru ta' bini msaqqaf f'kull sular	0.50,0

Lm c m

E. *Bini Kummerċjali*

Dawn jinkludu lukandi, ħwienet, uffiċċji, *showrooms,* fabbriki, *workshops,* garaxxijiet fi żvilupp intern jew għal użu kummerċjali, postijiet ta' divertiment u bini ieħor kummerċjali.

Għal kull metru kwadru ta' bini msaqqaf f'kull sular 0.75,0